DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2013

dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2013) 1708)

(2013/162/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE [2] kif miksuba mir-Reġistru tal-Unjoni, mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazzjoni u mill-korrispondenza uffiċjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rispettivi jikkostitwixxu dejta vverifikata dwar l-emissjonijiet skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

(2) L-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minn gassijiet u attivitajiet kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE sottomessi skont id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto [3] fis-sena 2012 kif stabbilit b'segwitu għall-analiżi inizjali tal-2012 imwettqa mill-Kummissjoni skont il-Linji Gwida għall-Analiżi Teknika tal-2012 tal-Inventarji tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra [4] jikkostitwixxu dejta analizzata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għas-snin 2005, 2008, 2009 u 2010 skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

(3) Biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra rrappurtati għal kull sena, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għandhom jiġu kkalkulati wkoll billi jiġu applikati l-valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali mir-raba' rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC adottat bid-Deċiżjoni 15/CP.17. L-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet ikkalkulata b'dan il-mod għandha ssir applikabbli mill-ewwel sena li għaliha r-rappurtar tal-inventarji tal-gassijiet serra li jsir bl-użu ta' dawn il-valuri ġodda ta' potenzjal ta' tisħin globali jsir obbligatorju skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

(4) Id-dejta rrappurtata bħalissa fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u fir-reġistri nazzjonali u tal-Unjoni mhijiex biżżejjed sabiex jiġu ddeterminati, fil-livell tal-Istati Membri, l-emissjonijiet ta' CO_2 mill-avjazzjoni ċivili fil-livell nazzjonali li mhumiex koperti bid-Direttiva 2003/87/KE. L-emissjonijiet tad-CO_2 minn titjiriet mhux koperti bid-Direttiva 2003/87/KE jirrappreżentaw biss parti żgħira ħafna mit-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u l-ġbir ta' informazzjoni addizzjonali dwar dawn l-emissjonijiet joħloq piż amministrattiv sproporzjonat. Għalhekk, il-kwantità ta' emissjonijiet ta' CO_2 tal-kategorija tal-inventarju "1.A.3.A avjazzjoni ċivili" għandha titqies ekwivalenti għal żero għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet.

(5) L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal Stat Membru għas-sena 2020 għandhom jiġu kkalkulati billi titnaqqas il-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra vverifikati tal-installazzjonijiet li kienu jeżistu fl-2005 mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra analizzati għas-sena 2005 u bl-aġġustament tar-riżultat bil-perċentwal stipulat fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

(6) Il-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra vverifikati tal-installazzjonijiet għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

— Għall-Istati Membri li pparteċipaw fl-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet mill-2005: il-kwantità ta' emissjonijiet tal-installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE fl-2005 aġġustata bil-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dawk l-installazzjonijiet li kienu inklużi fl-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet jew li kienu esklużi minnha mill-2008 sal-2012 minħabba ambitu aġġustat applikat mill-Istati Membri u l-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn installazzjonijiet esklużi temporanjament fis-sena 2005 iżda mhux esklużi bejn l-2008 u l-2012 mill-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet,

— Għall-Istati Membri li pparteċipaw fl-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet mill-2007: il-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE fl-2007,

[1] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.
[2] ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.
[3] ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.
[4] SWD (2012) 107 final, 26.4.2012.

— Għall-Istati Membri li pparteċipaw fl-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet mill-2013: il-kwantità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE fl-2005 (kif ikkomunikata mill-Istat Membru rispettiv u analizzata mill-Kummissjoni).

(7) Il-kwantità medja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-sena 2009 ta' Stat Membru b'limitu pożittiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għandha tiġi kkalkulata billi titnaqqas il-kwantità medja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra vverifikati minn installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE fis-snin 2008, 2009 u 2010 fl-Istat Membru rispettiv mit-total medju tiegħu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-snin 2008, 2009 u 2010.

(8) L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal Stat Membru b'limitu pożittiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għas-snin mill-2013 sal-2019 għandhom jiġu ddefiniti bi trajettorja lineari li tibda bil-kwantità medja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' dak l-Istat Membru fis-sena 2009 u tispiċċa bl-allokazzjoni annwali tiegħu ta' emissjonijiet għas-sena 2020.

(9) L-allokazzjoni annwali ta' emissjonijiet għal Stat Membru b'limitu negattiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għas-sena 2013 għandu jiġi kkalkulat billi titnaqqas kwantità medja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra vverifikati minn installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE fis-snin 2008, 2009 u 2010 fl-Istat Membru rispettiv mit-total medju analizzat tiegħu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-snin 2008, 2009 u 2010.

(10) L-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għal Stat Membru b'limitu negattiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għas-snin mill-2014 sal-2019 għandha tiġi ddefinita bi trajettorja lineari li tibda bl-allokazzjoni annwali ta' emissjonijiet ta' dak l-Istat Membru għas-sena 2013 u tispiċċa bl-allokazzjoni annwali tiegħu ta' emissjonijiet għas-sena 2020.

(11) L-emissjonijiet ivverifikati ta' gassijiet serra ta' installazzjonijiet inklużi unilateralment fl-Iskema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu mill-2008 sal-2012 ma għandhomx jitqiesu fil-kwantità medja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ivverifikati minn installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE għas-snin 2008, 2009 u 2010 għax dan jirriżulta f'għadd doppju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra matul aġġustamenti futuri tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

(12) Minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, l-allokazzjoni annwali tagħha ta' emissjonijiet għal kull sena tal-perjodu mill-2013 sal-2020 għandha tiġi ddeterminata billi tintuża l-istess metodoloġija li tintuża għall-Istati Membri l-oħra. Dawn il-valuri għandhom isiru applikabbli mid-data tal-adeżjoni tal-Kroazja.

(13) Minħabba l-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew tad-Deċiżjoni 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 dwar l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea [1] mill-2014, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal Franza mill-2014 jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-emissjonijiet rilevanti tal-gassijiet serra analizzati.

(14) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena tal-perjodu mill-2013 sal-2020 huma stabbiliti fl-Anness I u għandhom japplikaw soġġetti għal kwalunkwe aġġustament ippubblikat skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE.

Artikolu 2

Minkejja l-Artikolu 1, meta att adottat skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE jipprovdi li l-Istati Membri jissottomettu inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ddeterminati bl-użu ta' valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali mir-raba' rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC kif adottat bid-Deċiżjoni 15/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness II għandhom japplikaw mill-ewwel sena li għaliha dan ir-rappurtar dwar l-inventarji tal-gassijiet serra jsir obbligatorju.

Artikolu 3

L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-Kroazja kif stabbiliti fl-Anness I għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni

Connie HEDEGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.

ANNESS I

L-Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet tal-Istati Membri għas-sena 2013 sas-sena 2020 ikkalkulata bl-applikazzjoni tal-valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali mit-tieni rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC

Pajjiż	Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet (ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju)							
	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Il-Belġju	81 206 753	79 635 010	78 063 267	76 491 523	74 919 780	73 348 037	71 776 293	70 204 550
Il-Bulgarija	27 308 615	27 514 835	27 721 056	27 927 276	28 133 496	28 339 716	28 545 936	28 752 156
Ir-Repubblika Ċeka	63 569 006	64 248 654	64 928 302	65 607 950	66 287 597	66 967 245	67 646 893	68 326 541
Id-Danimarka	35 873 692	34 996 609	34 119 525	33 242 442	32 365 359	31 488 276	30 611 193	29 734 110
Il-Ġermanja	487 095 510	480 020 642	472 945 774	465 870 905	458 796 037	451 721 169	444 646 301	437 571 432
L-Estonja	6 111 145	6 133 644	6 156 143	6 178 641	6 201 140	6 223 639	6 246 137	6 268 636
L-Irlanda	45 163 667	44 066 074	42 968 480	41 870 887	40 773 293	39 675 700	38 578 106	37 480 513
Il-Ġreċja	58 909 882	59 158 791	59 407 700	59 656 609	59 905 518	60 154 427	60 403 336	60 652 245
Spanja	228 883 459	226 977 713	225 071 967	223 166 221	221 260 475	219 354 728	217 448 982	215 543 236
Franza	397 926 454	393 291 390	388 254 953	383 218 516	378 182 079	373 145 642	368 109 206	363 072 769
Il-Kroazja	20 596 027	20 761 917	20 927 807	21 093 696	21 259 586	21 425 476	21 591 366	21 757 255
L-Italja	310 124 250	308 146 930	306 169 610	304 192 289	302 214 969	300 237 649	298 260 329	296 283 008
Ċipru	5 552 863	5 547 275	5 541 687	5 536 100	5 530 512	5 524 924	5 519 336	5 513 749
Il-Latvja	9 005 483	9 092 810	9 180 137	9 267 464	9 354 791	9 442 119	9 529 446	9 616 773
Il-Litwanja	16 661 613	16 941 467	17 221 321	17 501 174	17 781 028	18 060 882	18 340 736	18 620 590
Il-Lussemburgu	9 737 871	9 535 962	9 334 053	9 132 144	8 930 235	8 728 326	8 526 417	8 324 508
L-Ungerija	49 291 591	50 388 303	51 485 014	52 581 726	53 678 437	54 775 149	55 871 861	56 968 572
Malta	1 113 574	1 112 781	1 111 988	1 111 195	1 110 402	1 109 609	1 108 816	1 108 023
Il-Pajjiżi l-Baxxi	121 835 387	119 628 131	117 420 874	115 213 617	113 006 361	110 799 104	108 591 847	106 384 590
L-Awstrija	53 598 131	53 032 042	52 465 953	51 899 864	51 333 775	50 767 686	50 201 597	49 635 508
Il-Polonja	197 978 330	198 929 081	199 879 833	200 830 584	201 781 336	202 732 087	203 682 838	204 633 590
Il-Portugall	47 653 190	47 920 641	48 188 091	48 455 541	48 722 992	48 990 442	49 257 893	49 525 343
Ir-Rumanija	79 108 341	80 681 687	82 255 034	83 828 380	85 401 727	86 975 074	88 548 420	90 121 767
Is-Slovenja	11 890 136	11 916 713	11 943 289	11 969 866	11 996 442	12 023 018	12 049 595	12 076 171
Is-Slovakkja	25 095 979	25 413 609	25 731 240	26 048 870	26 366 500	26 684 130	27 001 761	27 319 391
Il-Finlandja	32 732 387	32 232 553	31 732 719	31 232 885	30 733 051	30 233 217	29 733 383	29 233 549
L-Isvezja	42 526 869	41 863 309	41 199 748	40 536 188	39 872 627	39 209 066	38 545 506	37 881 945
Ir-Renju Unit	350 411 692	346 031 648	341 651 604	337 271 559	332 891 515	328 511 471	324 131 426	319 751 382

ANNESS II

L-Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet tal-Istati Membri għas-sena 2013 sas-sena 2020 ikkalkulata bl-applikazzjoni tal-valuri tal-potenzjal ta' tisħin globali mir-raba' rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC

Pajjiż	Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet (ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju)							
	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Il-Belġju	82 376 327	80 774 027	79 171 726	77 569 425	75 967 124	74 364 823	72 762 523	71 160 222
Il-Bulgarija	28 661 817	28 897 235	29 132 652	29 368 070	29 603 488	29 838 906	30 074 324	30 309 742
Ir-Repubblika Ċeka	65 452 506	66 137 845	66 823 185	67 508 524	68 193 864	68 879 203	69 564 542	70 249 882
Id-Danimarka	36 829 163	35 925 171	35 021 179	34 117 187	33 213 195	32 309 203	31 405 210	30 501 218
Il-Ġermanja	495 725 112	488 602 056	481 479 000	474 355 944	467 232 888	460 109 832	452 986 776	445 863 720
L-Estonja	6 296 988	6 321 312	6 345 636	6 369 960	6 394 284	6 418 608	6 442 932	6 467 256
L-Irlanda	47 226 256	46 089 109	44 951 963	43 814 816	42 677 670	41 540 523	40 403 377	39 266 230
Il-Ġreċja	61 003 810	61 293 018	61 582 226	61 871 434	62 160 642	62 449 850	62 739 057	63 028 265
Spanja	235 551 490	233 489 390	231 427 291	229 365 191	227 303 091	225 240 991	223 178 891	221 116 791
Franza	408 762 813	403 877 606	398 580 044	393 282 481	387 984 919	382 687 356	377 389 794	372 092 231
Il-Kroazja	21 196 005	21 358 410	21 520 815	21 683 221	21 845 626	22 008 031	22 170 436	22 332 841
L-Italja	317 768 849	315 628 134	313 487 419	311 346 703	309 205 988	307 065 273	304 924 558	302 783 843
Ċipru	5 919 071	5 922 555	5 926 039	5 929 524	5 933 008	5 936 493	5 939 977	5 943 461
Il-Latvja	9 279 248	9 370 072	9 460 897	9 551 721	9 642 546	9 733 370	9 824 194	9 915 019
Il-Litwanja	17 153 997	17 437 556	17 721 116	18 004 675	18 288 235	18 571 794	18 855 354	19 138 913
Il-Lussemburgu	9 814 716	9 610 393	9 406 070	9 201 747	8 997 423	8 793 100	8 588 777	8 384 454
L-Ungerija	50 796 264	51 906 630	53 016 996	54 127 362	55 237 728	56 348 094	57 458 460	58 568 826
Malta	1 168 514	1 166 788	1 165 061	1 163 334	1 161 608	1 159 881	1 158 155	1 156 428
Il-Pajjiżi l-Baxxi	125 086 859	122 775 394	120 463 928	118 152 462	115 840 997	113 529 531	111 218 065	108 906 600
L-Awstrija	54 643 228	54 060 177	53 477 125	52 894 074	52 311 023	51 727 971	51 144 920	50 561 869
Il-Polonja	204 579 390	205 621 337	206 663 283	207 705 229	208 747 175	209 789 121	210 831 068	211 873 014
Il-Portugall	49 874 317	50 139 847	50 405 377	50 670 907	50 936 437	51 201 967	51 467 497	51 733 027

Pajjiż	Allokazzjoni Annwali tal-Emissjonijiet (ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju)							
	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Ir-Rumanija	83 080 513	84 765 858	86 451 202	88 136 547	89 821 891	91 507 236	93 192 581	94 877 925
Is-Slovenja	12 278 677	12 309 309	12 339 941	12 370 573	12 401 204	12 431 836	12 462 468	12 493 100
Is-Slovakkja	25 877 815	26 203 808	26 529 801	26 855 793	27 181 786	27 507 779	27 833 772	28 159 765
Il-Finlandja	33 497 046	32 977 333	32 457 619	31 937 905	31 418 191	30 898 477	30 378 764	29 859 050
L-Isvezja	43 386 459	42 715 001	42 043 544	41 372 087	40 700 630	40 029 172	39 357 715	38 686 258
Ir-Renju Unit	358 980 526	354 455 751	349 930 975	345 406 200	340 881 425	336 356 649	331 831 874	327 307 099